MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 596/2006

Peter Anthony Spence
vs
1) Paul A. Ciantar
2) SMS Insurance Agency Ltd.
f'isimhom propju kif ukoll fil-kwalita` ta' rapprezentanti jew agenti tas-socjeta` ta' l-assigurazzjoni estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c.

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1) Illi fid-19 ta' Mejju 2005 ghall-habta ta' l-10.48 ta' fil-ghodu meta huwa kien qed isuq il-karozza tieghu tat-tip Honda Civic bin-numru ta' Registrazzjoni BBG413, kien involut f'incident awtomobilistiku waqt li kien hiereg minn fuq *side-street* ghal fuq it-triq principali hekk imsejha 'Regional Road' ta' l-Imsida fid-direzzjoni ta' Paceville,

mal-konvenut Paul A. Ciantar, li kien qed isuq il-karozza tat-tip Vauxhall Nova bin-numru ta' Registrazzjoni GBD338, meta l-vettura tal-konvenut baqghet diehla fil-vettura ta' l-attur minn wara, hekk kif indikat fit-'*Traffic Accident Report* - Ref. 18337/GWDHL' anness mar-rikors u immarkat Dok A;

2) Illi dan l-incident awtomobilistiku gara b'tort, negligenza, imprudenza u nuqqas ta' tharris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Paul A. Ciantar;

3) Illi ma' l-impatt rasu giet mitfuha lura u habtet b'mod vjolenti mal-'*head-rest*' bir-rizultat li ghalkemm ma ntilifx minn sensieh huwa sofra feriti f'ghonqu u f'daru tant li t-tabib tal-familja baghtu l-Isptar San Luqa ghall-*x-ray* fejn irrizulta li ghalkemm ma kellux ksur huwa kien qed isofri minn '*whiplash injury*' f'ghonqu u fl-ispina ta' daru, hekk kif jidher mir-rapport mahrug mill-Isptar San Luqa dwar l-attur anness mar-rikors u immarkat Dok. B;

4) Illi wara l-incident huwa baqa' jhoss l-ugigh u ghalhekk rega' mar l-Isptar San Luqa fit-23 ta' Mejju 2005 u minn hemm baghtuh ghall-'*physiotherapy*';

5) Illi minkejja l-'*physiotherapy*' huwa baqa' mugugh u ghalhekk ikkonsulta lill-ispecjalista, Ortopediku, Mr. Charles Grixli M.D.F.R.C.S u wara li sarulu l-ezamijiet medici fl-20 ta' Gunju 2005 u fit-18 ta' Awissu 2005 l-istess specjalista iddetermina li huwa kien qed isofri minn '*flexion/extension injury*' f'ghonqu u f'daru kawza diretta ta' l-incident imsemmi hawn fuq u li dan ifisser li huwa ghandu dizabilita` permanenti hekk kif jidher mir-rapport mediku anness mar-rikors u immarkat Dok. C;

6) Illi l-konvenut Paul A. Ciantar huwa assigurat mis-socjeta` Ecclesiastical Insurance Office plc. rapprezentati f'Malta minn SMS Insurance Agency Ltd;

*7)* Illi l-konvenut u s-socjeta` konvenuta accettaw it-tort u halsu d-danni assocjati mar-riparazzjoni tal-vettura ta' l-attur rizultanti mill-incident awtomobilistiku, izda minkejja d-diversi interpellazjonijiet verbali u bil-miktub, inkluza Ittra

Ufficjali Numru 4403/05 u datata 14 ta’ Ottubru 2005 u ittra bonarja tas-26 ta’ April 2006, li saru lill-konvenuti sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mill-attur in segwitu ghall-feriti li hu garrab fl-istess incident, huma baqghu inadempjenti;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1) tiddikjara li l-incident awtomobilistiku bejn il-vettura tat-tip Honda Civic bin-numru ta’ Registrazzjoni BBG413 misjuqa mill-attur u l-vettura tat-tip Vauxhall Nova bin-numru ta’ Registrazzjoni GBD338, misjuqa mill-konvenut Paul A. Ciantar, li gara fid-19 ta’ Dicembru 2005 ghall-habta ta’ l-10.48 fl-inhawi tar-Regional Road ta’ l-Imsida, gara b’tort, negligenza, imprudenza, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Paul A. Ciantar;

2) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur rizultanti mill-perjodu ta’ zmien li huwa ma setax jahdem waqt li kien konvalexxenti, danni sofferti minnu konsistenti fid-diversi diversi trattamenti u visti medici li kellu jaghmel, kif ukoll danni likwidati minhabba d-dizabilità permanenti sofferta minnu, jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi;

3) tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom responsabbli ghad-danni hekk likwidati minn din il-Qorti;

4) taghti kull provvediment iehor opportun fic-cirkostanzi tal-kaz;

B’riserva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali ta’ l-14 ta’ Ottubru 2005 u bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta’ SMS Insurance Agency Limited f’isimha proprju kif ukoll fil-kwalita` ta’ rapprezentanti jew agenti tas-socjeta` ta’ l-assigurazzjoni estera Ecclesiastical Insurance Office plc li biha eccepiet:

1. Illi, preliminarjament, is-socjeta` eccipjenti m’ghandiex *locus standi* fil-kawza odjerna *stante* li din il-kawza si tratta ta’ kawza *‘ex delictu’* u *inoltre, ai termini* tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, notifika b’ittra ufficjali kienet tkun sufficjenti ghall-finijiet ta’ esekuzzjoni diretta u ghalhekk indipendentement mill-ezitu ta’ din il-kawza, is-socjeta` intimata m’ghandhiex tbati spejjez.

2. Illi, in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, filwaqt li m’hemmx kontestazzjoni fir-rigward ta’ l-ewwel u t-tieni paragrafu tar-Rikors Guramentat ta’ Peter Anthony Spence, a rigward paragrafi tlieta, erba’ u hamsa ta’ l-istess Rikors Guramentat hemm kontestazzjoni minhabba li m’hemmx qbil li l-istess Peter Anthony Spence sofra xi dizabilta` permanenti u dana kif jirrizulta minn rapport rilaxxat minn Dr. Frederick Zammit Maempel (Dok. “J”) u kif ukoll kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghal tali raguni ma hemm ebda danni x’jigu likwidati fil-konfront tar-rikorrenti.

3. Illi, m’hemmx kontestazzjoni rigward paragrafu 6 tar-Rikors Guramentat ta’ Peter Anthony Spence.

4. Illi a rigward paragrafu 7 tar-Rikors Guramentat ta’ Peter Anthony Spence is-socjeta` intimata qatt ma resqet ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni allegatament sofferti mir-rikorrenti *stante* li r-rikorrenti ma sofra l-ebda dizabilita` permanenti u dana kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Rat ir-risposta ta' Paul A. Ciantar li biha espona:
1. Illi filwaqt li m'hemmx kontestazzjoni fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni paragrafi tar-Rikors Guramentat ta' Peter Anthony Spence, a rigward paragrafi tlieta, erbgha u hamsa ta' l-istess Rikors guramentat hemm kontestazzjoni minhabba li m'hemmx qbil li l-istess Peter Anthony Spence sofra xi dizabilta` permanenti u dana kif jirrizulta minn rapport rilaxxat minn Dr. Frederick Zammit Maempel (Dok. "J") u kif ukoll kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghal tali raguni ma hemm ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront tar-rikorrenti;

2. Illi, m'hemmx kontestazzjoni rigward paragrafu 6 tar-Rikors Guramentat ta' Peter Anthony Spence;

3. Illi a rigward paragrafu 7 tar-Rikors Guramentat ta' Peter Anthony Spence, il-konvenut Ciantar qatt ma resaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni allegatament sofferti mir-rikorrenti *stante* li r-rikorrenti ma sofra l-ebda dizabilita` permanenti u dana kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li r-rikorrent ipprezenta rapport *ex-parte* ta' Mr. Charles Grixti li jinsab a fol 15 sa 17 tal-process u li fih l-espert ikkonkluda li l-attur qed ibati minn *permanent residual disability* ta' 8%. Rat a fol 33 sa 36 tal-process

rapport ta' l-espert Mr. Frederick Zammit Maempel li fih ikkonkluda '*the clinical findings are unconvincing, and in my opinion, Mr. Spence suffered no permanent disability as a resault of the accident of May 2005. His symptoms are expected to settle with time*.' L-istess espert gie prodott bhala xhud.

Huwa ovvju li l-Qorti b'zewg opinjonijiet kontrastanti bhal dawn bilfors ikollha toqghod fuq dak li ikkonkluda l-espert indipendenti nominat mill-Qorti.

Rat il-verbal ta' l-20 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu Mr. Carmel Sciberras gie nominat bhala espert ortopediku.

Rat ir-rapport ta' Mr. Carmel Sciberras li fih semma:
***'PRESENT POSITION:*** *Mr Spence tells me that his neck and back are still stiff and sore. He takes Paracetamol fairly regularly, Solpadeine when the pain increases and Naprosyn when the pain becomes unbearable. He gets pain when he sits for long and when he stands for long. Sometimes, the pain wakes him up at night. Sneezing causes increased pain in his neck. He cannot walk for long distances as he used to do before. He says he cannot lift or bend. Strangely enough, he tells me that since the accident swimming exacerbates his neck and back pain. He is driving.*

*Mr Spence denies ever having had any signiflcant with his neck and back before this accident.*

***ON EXAMINATION* — *20/03/07:*** *Tall, healthy looking man. Not wearing a collar.*

***Neck:*** *Very stiff in all directions. Resisted any efforts on my part to move it. Tenderness over the R. trapezius.*

***Upper limbs:*** *No neurological deficit.*

***Back:*** *Again rather stiff*

*Extension — painful if forced.*

*Flexion — to just below the knees.*

*Tender over the upper / mid lumbar spine.*

*SLR: 85 / 85.*

***Lower limbs**: No neurological deficit.*

***IMPRESSION**: Mr Spence seems to have suffered soft tissue injuries to his neck and back — mainly the former. Although I think, the symptoms and signs will improve somewhat with time, they will never go away altogether. Mr Spence will always used to be careful about bending and lifting and working above shoulder level. He will also have to adjust his time infront of a computer — his neck and back may hurt him if he stays too long working with a computer at any one time.*

***DISABILITY**:*
***5% (five per cent).'***

Gie prezentat l-affidavit ta' Peter Spence li fih issemma li kien involut f'incident tat-traffiku fid-19 ta' Mejju 2005 fl-Msida meta l-karozza ta' warajh dahlet go fih u spicca bata f'dahru u ghonqu. Il-karozza ta' warajh kienet misjuqa mill-intimat Paul Ciantar li kien assikurat ma' SMS Insurance Agency. Spicca anke l-isptar u ghalkemm ghadda z-zmien baqa' anke jbati l-ugigh. Ra lit-tabib ta' l-*insurance*, Mr. Zammit Maempel, li ezaminah, kif ukoll lil Mr. Grixti bhala tabib tieghu li irrilaxxalu rapport. Semma li l-incident affettwalu hajtu fizikament, emozzjonalment u finanzjarjament. Semma li minhabba li kien kontinwament segwit spicca tant imdejjaq li bigh in-negozju li kellu. Spicca jahdem ma' kumpanija *betfair.com* fejn ghalkemm fizikament jista' jahdem ahjar, jaqla' anqas flus.

Gie ezebit Dok 'PS2', ricevuti dwar id-*damnum emergens*. Dwar dan ghandu jinghad li ghalkemm hemm ricevuti ta' valur ta' cirka €750 li huma accettabbli, il-bqija tar-ricevuti jidhlu fit-taxxa ufficjali jew ma jinkwadrawx ruhhom taht l-aspett tad-*damnum emergens*. Jirrizulta li d-data tat-twelid tar-rikorrent hija 25 ta' Jannar 1960 (ara fol 5, u 42

tal-process), u li ghalhekk fid-data ta' l-incident, li kienet 19 ta' Mejju 2005, ir-rikorrent kellu 45 sena. Mill-kopja ta' l-*income tax return and self assessment* riferibbli ghas-sena ta' *assessment* tas-sena 2006 (fol 111) jirrizulta dhul tar-rikorrent ta' Lm7,249.68 li hu ekwivalenti ghal €16,887.

Xehed Paul Ciantar li mistoqsi dwar meta hargu mill-vetturi s-Sur Spence qallux fuq xi ugih qal li le. Qal li huma kienu damu jistennew xi ghoxrin minuta, nofs siegha l-iktar. Fil-fatti kienu skantaw kif mar malajr. Kien mar *warden*.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Lucrum cessans:***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta'qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat jkun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***D2. Multiplier:***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005. fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-

"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘**Buttler vs Heard**’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘*lucrum cessans*’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta’ certu uniformita` f’dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari.  Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta’ *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta’ utilita` kbira.  Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 45 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta’ 15 ghall-kaz in ezami.

***<u>D3. Paga u gholi tal-hajja:</u>***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra.  Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrenti li kien qed jaqla’ salarju *gross average* ta’ €16,887 fis-sena.  Normalment il-paga minima nazzjonali titla’ b’€4.65 fil-gimgha kull sena.  Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b’€242 ghal 15 sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (€16,887) u dak ta’ l-ahhar salarju fil-futur (€3630 [€242 x 15] + €16,887 = €20,517) ossia €16,887 + €20,517 /2 = €18,702].  Dan oltre l-awment ta’ l-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***<u>D4. Dizabilita`:</u>***
Mir-rapport mediku ta’ Mr. Charles Sciberras [a fol 79 *et* tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti tar-rikorrenti hija ta’ 5%.

***<u>D5. Lump Sum Payment:</u>***
L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b’ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta’ Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta’ Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta’ dewmien. Gie wkoll propost li m’ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
“jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m’ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***” – **Agius vs Fenech** 29 ta’ Ottubru, 2003. ”

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f’**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f’**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fid-19 ta’ Mejju 2005 u s-sentenza qed tinghata erba’ wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta’ 16%.</u>

***<u>D6. Kunsiderazzjonijiet ohra:</u>***
Kunsiderazzjonijiet ohra ta’ dan it-tip ta’ kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***<u>D7. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans :</u>***
Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-<u>qligh medju annwali</u> tar-rikorrenti inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal €18,702;

II. Irid jitqies ***<u>multiplier</u>*** ta' 15. Dan igib l-ammont ta' €280,530;

III. il-Qorti trid tqis il-<u>grad ta' disabilita`</u> li f'dan il-kaz hu ta' 5% u ghalhekk jammonta ghal ossia €14,026.50;

IV. wara jrid jitnaqqas 16% tal-*<u>lump sum payment</u>* u dan iwassal ghal €11,782.26;

***<u>D8. Damnum emergens:</u>***
Kawza ta' l-incident, kif issemma fuq, jirrizulta *damnum emergens* ta' €750.

Ghalhekk biex jistabbilixxi d-danni wiehed irid jghodd id-*damnum emergens* mal-*lucrum cessans* li jaslu ghal €12532.26.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 16887 |
| Multiplier | M | 15 |
| Lump sum payment | L | 16 |
| Dizabilita` | D | 5% |
| Damnum emergens | E | 750 |
| Gholi tal-hajja | G | 242 |
| | | |
| Amount due | | 12532.26 |

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Dwar l-eccezzjonijiet ta' l-intimat Ciantar, tichad l-ewwel eccezzjoni li ma hemmx danni x'jigu likwidati. Tichad it-tielet eccezzjoni li r-rikorrent ma sofra ebda debilita` permanenti. It-tieni paragrafu tar-risposta mhux eccezzjoni.

Dwar ir-risposta tas-socjeta` intimata, taqbel mal-eccezzjoni preliminari li din hija kawza *ex delictu* u ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta` intimata notifikata b'ittra ufficjali hija sufficjenti ghall-finijiet ta' ezekuzzjoni diretta u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li tkun konvenuta, u f'dan is-sens tilqa' din l-eccezzjoni preliminari. Tichad it-tieni eccezzjoni li ma hemmx danni x'jigu likwidati. It-tielet mhix eccezzjoni. Tichad ir-raba' eccezzjoni dwar danni dovuti.

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-incident awtomobilistiku bejn il-vettura tat-tip Honda Civic bin-numru ta' Registrazzjoni BBG413 misjuqa mir-rikorrent u l-vettura tat-tip Vauxhall Nova bin-numru ta' Registrazzjoni GBD338, misjuqa mill-konvenut Paul A. Ciantar, li gara fid-19 ta' Dicembru 2005 ghall-habta ta' l-10.48 fl-inhawi tar-Regional Road ta' l-Imsida, gara b'tort, negligenza, imprudenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Paul A. Ciantar.

Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-ammont ta' €12,532.26.

Tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom responsabbli ghad-danni hekk likwidati minn din il-Qorti.

Spejjez hlief dawk relativi ghas-socjeta` intimata huma a karigu ta' l-intimat, waqt li dawk tas-socjeta` intimata dovuti nofs mir-rikorrent u nofs mill-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------